MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 524/2002/1

**Iris Dalmas**

**vs**

**Ronnie u Carmen konjugi German**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Mejju, 2004 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti, sabiex ihallsu s-somma mitluba ta' tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3,200) ammont dovut minnhom lill-attrici wara self brevi manu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarja tad-9 ta’ Mejju 2002, 17 ta’ Mejju 2002, 27 ta’ Mejju 2002, 30 ta’ Mejju 2002, 17 ta’ Gunju 2002, 24 ta’ Gunju 2002 u tal-ittra ufficjali ta’ 5 ta’ Gunju 2002 u tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali tal-5 ta’ Gunju 2002 sal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1 Fl-ewwel lok l-attrici ma sellfet ebda flus lill-eccipjenti u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;
2 Subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, senjatament ghall-pretensjoni ta’ self, l-attrici ghandha tispecifika l-kondizzjonijiet u dettalji tas-self, jekk kien hemm, u f’dan ir-rigward l-eccipjenti qeghdin jirriservaw li jressqu eccessjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fis-26 ta’ Frar 2004;

Rat in-nota risponsiva tal-konvenuti pprezentata fid-29 ta’ April 2004

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm il-konvenuti, senjatament il-konvenuta Carmen German, tikkontesta li hija rcevit somma flus b’self minghand l-attrici, fid-deposizzjoni taghha stess ammettiet illi effettivament ircevit minghand l-attrici s-somma ta’ tlett elef u mitejn lira (Lm3,200) u anke ammettiet ukoll illi kienet inkarigat il-avukat taghha f’Gunju 2002 sabiex jinforma lill-attrici illi hija kienet se tirrestitwixxi s-somma ta’ tlett elef u mitejn lira (L3,200) fi zmien tlett xhur mid-data ta’ l-ittra ossija mit-13 ta’ Gunju, 2002.

Din l-ammissjoni biss hija bizejjed biex taghti ampja kredibilita' lill-verzjoni tal-istess attrici illi effettivament hija kienet silfet lill-konvenuta Carmen German, waqt iz-zwieg taghha mal-konvenut l-iehor Ronnie German, somma ta' tlett elef u mitejn lira (Lm3,200) mislufin 'brevi mano' u restitwibbli fuq talba ta' l-istess attrici.

Inoltre il-premessa ta' pagament anzi ta' restituzzjoni tal-imsemmija somma permezz tal-ittra tat-13 ta' Gunju, 2002 ikkonfermata b'ittra ohra precedenti tat-13 ta' Mejju, 2002, esebita a fol. 33 tal-process, jikkostitwixxu prova bizejjed illi l-ammont intier kien diga' dovut dakinhar li nkitbu l-ittri u fin-nuqqas ta' ebda accettazzjoni ta' koncessjoni ta' xi terminu da parti mill-attrici jwassal ghall-konkluzjoni logika illi l-ammont kollu kien dovut dakinhar tal-prezentata tac-citazzjoni fl-4 ta' Settembru, 2002.

Mill-provi l-ohra tal-konvenuta ma jirrizulta ebda forma ta' pagament akkont ta' dan l-ammont wara t-13 ta' Gunju, 2002. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta ampjament gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma mitluba ta' tlett elef u mitejn lira (Lm3,200) ghar-ragunijiet u debiti fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-5 ta' Gunju, 2002,

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Il-konvenuti jikkontestaw din is-sentenza bl-obbjezzjoni markatament rigwardanti l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Mit-terminu tar-rikors ta' l-appell taghhom huma donnhom itendu lejn l-espressjoni ta' opinjoni illi l-versjoni ta' l-attrici appellata ma hijiex kredibbli. Bla pregudizzju ghal din is-sottomissjoni taghhom huma jistiednu lil din il-Qorti tezamina wkoll il-portata ta' l-Artikoli 1078 u 1849 tal-Kodici Civili;

Mir-ri-ezami taghha tal-provi f' din il-kawza din il-Qorti bla ebda ezitazzjoni ssib li ghandha taghti affidament u

kredibilita` aktar lill-versjoni ta' l-attrici appellata milli dik tal-konvenuti appellanti. F' dan il-Qorti ma tistriehx fuq l-awtorita` taghha biss imma ssib elementi qawwija ta' korroborazzjoni kemm fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u aktar u aktar fix-xhieda tal-konvenuta appellanta innifisha. Il-kontradizzjonijiet lampanti tad-diversi dikjarazzjonijiet taghha ma jhallu l-ebda dubju illi l-mizien tal-kredibilita` ghandu jeghleb favur l-attrici u mhux kontriha;

Is-suespost ragonament tal-Qorti huwa ahjar illustrat b' dawn is-siltiet estratti mid-deposizzjonijiet ta' Carmen German:-

(1) Din l-appellanti titlaq mill-punt sostenut fl-ewwel eccezzjoni taghha illi ma sselfet ebda flejjes minghand l-attrici. Ara Nota ta' l-eccezzjonijiet a fol. 18;

(2) Meta xehdet l-ewwel darba, u meta allura kienet gja rinfaccjata bl-ittra tal-konsulent legali taghha datata 13 ta' Gunju 2002 (fol. 22), sostniet li hi talbet, u fil-fatt giet hekk mislufa lilha, is-somma ta' elf u disa' mitt lira (Lm1900). Tghid ukoll li oltre dan l-attrici silfitha wkoll tmien mitt lira (Lm800) fi flus kontanti. Tissokta tghid li l-attrici ma riedithomx lura, izda li bona volonta` taghha qaltilha li kienet ser tirrendi ruhha debitrici versu lejha fis-somma ta' tlett elef u mitejn lira (Lm3200). L-istess appellanti spiccat biex tesklama dan: "Issa li ghamlitli l-kawza pero` jiena nghid li ma rridx naghtihomlha" (fol. 27);

(3) Meta regghet xehdet l-konvenuta mbaghad, filwaqt li rribadiet illi l-attrici tatha flus milli kellha depozitati f' kont bankarju, kif ukoll flus kontanti, sostniet li l-ammont moghti kien komplessivament ta' elfejn u hames mitt lira (Lm2500). Kompliet tghid li ma ghandhiex troddhom lill-attrici ghax kienet erogat flejjes ghall-akkwist ta' post fl-interess ta' l-attrici ohtha. Mhux hekk biss pero`. L-istess appellanti spiccat biex ippretendiet li kienet hi kreditrici ta' ohtha. B' danakollu, in kontro-ezami tissottometti hekk: "Meta l-avukat tieghi kiteb li jien kont lest li ntiha tlett elef u mitejn lira (Lm3200) li qeghda tippretendi jien dawk kont

Iest li ntihomlha bhala rigal ghax jien naf x' inhi. Jien naf li mhix normali" (fol. 39);

Oggettivament analizzata ghandu jkun bil-bosta ovvju illi adoperat it-test tal-verosimiljanza dan ghandu jiffavorixxi ferm izjed il-versjoni ta' l-attrici milli dik tal-konvenuta. Huwa wisq car ghal din il-Qorti illi x-xhieda ta' din l-appellanti mhix fededenja u ghalhekk, similment bhall-ewwel Qorti, qed tiskartaha. Huwa ferm sintomatiku illi meta bejn l-ahwa kollox kien miexi sew il-konvenuta appellanti ma kellhiex ghalfejn tirrikorri ghal sotterfugi u l-kontradizzjonijiet evidenti li waqghet fihom fil-kors tat-testimonjanzi taghha. Li hu cert hu li din il-Qorti mhix propensa li taghti aditu ghal min jirrikorri ghall-element ta' pika biex jikkonfondi l-verita` fit-tentattiv abominevoli li tehles mill-obbligazzjoni taghha. Jista' ghalhekk jinghad illi bil-provi forniti fil-gudizzju din il-Qorti ghandha c-certezza morali u l-konvinzjoni li l-pretensjoni ta' l-attrici appellata hi mhux biss fondata izda wkoll legittima;

Stabbilit il-premess, is-self in ezami ma jirrizultax minn xi volonta` tal-partijiet li kien wiehed gratuwitu izda pjuttost oneruz. Meta hu hekk is-self jassumi karattru ta' kuntratt bi pretensjonijiet korrispettivi. Dan minhabba l-obbligu tal-mutwatarju li jhallas lill-mutwant, bhala korrispettiv ghall-godiment koncess, l-interessi jew kumpens konvenut. Dan johrog car mid-dispost ta' l-Artikolu 1842 u 1850 (1) tal-Kodici Civili;

Issa l-appellanti, kif rifless fil-korp ta' l-appell taghhom jirrikorru ghad-dispost ta' l-Artikoli 1078 u 1849 ta' l-istess Kodici Civili. Dak ta' l-ewwel jirreferi ghaz-zmien ta' l-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni ossija tar-restituzzjoni tas-self mentri t-tieni artikolu jahseb ghas-sitwazzjoni fejn ma jkunx miftiehem imghax fuq is-self;

Kif gja ntqal is-self hu kuntratt oneruz u allura hemm l-obbligu tar-restituzzjoni. Huwa wkoll kuntratt ghal zmien.

Dan iz-zmien jista' jkun miftiehem u jista' wkoll ma jkunx. F' din l-ahhar eventwalita` hu prezunt *ex lege*, bl-Artikolu 1078 accennat, illi meta z-zmien ikun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jezegwiha, allura f' kaz bhal dan l-obbligazzjoni ghandha tigi esegwita zmien sentejn jekk is-somma mislufa ghandha tinghata minghajr imghax, jew fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax [para (a) tas-suddett artikolu];

Fil-fehma ta' l-appellanti l-azzjoni attrici kienet wahda intempestiva ghaliex ma kienux ghaddew is-sentejn stipulati mil-ligi. Issa apparti li din id-difiza ma tqajmetx quddiem l-ewwel Qorti, anke ghaliex l-appellanti kienu qed jikkontendu li ma sselfux flus minghand l-attrici, huwa principju maghruf illi "l-eccezzjoni ta' l-intempestivita` hija ta' natura dilatorja u ghalhekk ghandha titqajjem fil-bidu tal-kawza" (**Kollez. Vol. XLIX P III p 1162**). Eccezzjoni konsimili ma tirrizultax li giet sollevata *in limine litis*;

Ciononostante anke kieku kellha din il-Qorti tippresta attenzjoni lil din is-sottomissjoni ta' l-appellanti l-istess tibqa' insostenibbli. Huwa veru li l-attrici appellata taccetta li ma kienx miftiehem zmien partikulari ghar-radd lura, u anzi fi kliemha stess "kellha thallasni lura meta tista'" (fol. 31). Eppure, bil-volonta` espressa tal-konvenuta debitrici din irrikonoxxiet u anzi obbligat ruhha ghal darba, darbtejn li l-ammont lilha mislufa kienet ser tirrifondih lura "<u>zmien tliet xhur</u>" dekorribbli mid-data ta' l-ittra datata 13 ta' Mejju 2002 (fol. 33). Accettazzjoni din ripetuta fl-ittra tat-13 ta' Gunju 2002 (fol. 22). Nonostante din il-weghda l-hlas lura baqa' ma sarx. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti l-invokabilita` ghall-Artikolu 1078 hi eskluza billi t-terminu ghar-radd lura gie mill-istess appellanti unilateralment u *sua sponte* prefiss minnha. Dan igib b' konsegwenza illi t-terminu ghall-adempiment ta' l-obbligazzjoni ghandu jitqies maturat bil-verifika tad-dekorrenza tat-terminu ta' tliet xhur;

Ragonevolment ukoll l-Artikolu 1849 riferit mill-appellanti wkoll ma japplikax ghal kaz hawn trattat. Fil-fattispeci gja nghad supra illi t-terminu ghar-radd lura tas-self gie stabbilit mill-istess konvenuta debitrici. Li jfisser li z-zmien ta' l-ezekuzzjoni tar-radd gie accertat fl-ezistenza tieghu, b' mod li l-attrici kreditrici ma kellhiex ghalfejn tirrikorri lill-Qorti ghall-fissazzjoni taz-zmien. *A contrariu sensu* jfisser illi meta jkun hemm zmien miftiehem tibda d-dekorrenza ta' l-imghaxijiet. F' dan il-kaz l-attrici ressqet rikjesta formali ghar-radd lura tas-somma mislufa permezz ta' att gudizzjarju datat 5 ta' Gunju 2002;

Huwa fatt illi waqt li hu kontestat illi l-imghax ma kienx dovut fuq is-self mill-mument meta dan isir sakemm dan ikun il-ligi jew il-ftehim esigibbli, ma jfisserx illi ebda mghax ma kien ser ikun qatt dovut fuq dak l-istess self. Ghall-iskop tad-dekorriment ta' l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora. Jigifieri, "*una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione*" (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**);

Il-punt rilevanti li jrid jigi deciz hu meta dan id-debitu jinghad li sar dovut u esigibbli. Minn dak fuq stabbilit hu car li s-self kellu jintradd lura fi zmien tliet xhur. L-obbligazzjoni tar-radd lura kellha allura tkun adempita mit-13 ta' Awissu 2002 billi din kienet id-data li fiha skadew it-tliet xhur proposti mill-istess appellanti fl-ewwel ittra taghha tat-13 ta' Mejju 2002. Kif gja nghad mill-atti jirrizulta li l-interpellazzjoni ufficcjali saret fil-5 ta' Gunju 2002. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-interessi fuq is-somma kapitali mislufa kellhom jibdew jghoddu ghal precizazzjoni mit-13 ta' Awissu 2002, data ta' l-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-appellanti, u rikonoxxut mill-attrici.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma fil-meritu s-sentenza appellata salv li d-dekorriment ta' l-imghax fuq is-somma kapitali mislufa ghandha tkun id-data tat-13 ta' Awissu 2002;

L-ispejjez gudizzjarji ta’ din l-istanza jitbatew ukoll mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------